Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Ammissjoni Nru: 12/2015

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Carmel Cutajar

Illum 8 ta' Marzu, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 12 tas-sena 2015, migjuba fil-konfront tal-akkuzat Carmel Cutajar, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 00100865M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

ILLI l-akkużat **Carmel CUTAJAR**, Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija, huwa miżżewweġ lil Maria Cutajar, minn liema żwieġ kellhom żewġt itfal bniet: Noella u Kimberly. B'xorti ħażina l-ħajja miżżewġa tal-koppja Cutajar ma kenitx waħda feliċi għaliex il-karattru possessiv, awtoritarju u vjolenti ta' l-akkużat **Carmel CUTAJAR** kien qiegħed joħloq tensjoni kbira fil-familja Cutajar, tant li f'Lulju tas-Sena Elfejn u Tnax (2012) Maria Cutajar ma felħitx aktar u flimkien mat-tfal Noella u Kimberly marret tfittex kenn ġewwa x-*Shelter* 'Dar Merħba Bik' ġewwa Ħal Balzan;

ILLI l-akkużat **Carmel CUTAJAR** ma riedx jaċċetta l-fatt li martu u wliedu kienu xejjnu l-awtorita' tiegħu u telqu mid-dar, u għalhekk kien ipprova jikkonvinċi lil Maria biex imorru lura. Minħabba li kien hemm istanzi fil-passat fejn Maria kienet ukoll telqet mid-dar iżda mbagħad ċediet għall-kliem sabiħ ta' l-akkużat **Carmel**

**CUTAJAR** u marret lura d-dar, u dan sabiex sfortunatament terġa' tbati s-swat u l-oppressjoni taħt idejn żewġha, din id-darba ddeċidiet li żżomm iebes u ma tmurx lura, għax kienet taf il-konsegwenzi x'kienu ser ikunu. Għaldaqstant Maria Cutajar din id-darba għamlitha ċara lill-akkużat **Carmel CUTAJAR** li huwa seta' jinsiha għax hija ma kenitx ser tirritorna lura miegħu;

ILLI l-akkużat **Carmel CUTAJAR** ma riedx jaċċetta l-fatt li martu kienet telqitu darba għal dejjem, u għalhekk iddeċieda li hija kellha tpattiha ferm qares għal dan! Għaldaqstant huwa fassal pjan sabiex joqtol lil martu Maria Cutajar jew ipoġġilha ħajjitha f'periklu ċar;

ILLI nhar is-Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012) l-akkużat **Carmel CUTAJAR** iddeċieda li jeżegwixxi l-pjan orrend u tal-biża' tiegħu, u wara Nofsinhar ħa ħsieb jieħu miegħu arma tan-nar (*revolver*) ikkargata bil-munizzjon u rħiela lejn is-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina, fejn Maria Cutajar kienet taħdem ġewwa r-restaurant *'Point de Vue'*;

ILLI għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara Nofsinhar (13:15 hrs) tal-jum fuq imsemmi, u cioe' tas- Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012), l-akkużat **Carmel CUTAJAR** wasal ħdejn il-bieb tal-ġenb ta' l-istabbiliment *'Point de Vue'*, li kien imbexxaq, ittawwal ġewwa, ra lil Maria Cutajar għaddejja fuq xogħolha, u staqsiha biex toħroġ barra għax ried ikellimha. Minħabba li Maria ma xtaqitx li żewġha jagħmel xi xenata fuq il-post tax-xogħol tagħha, bir-riskju li jtellifha ħobżha, hija ħarġet mill-istabbiliment biex tara xi jrid. Hawnhekk l-akkużat **Carmel CUTAJAR**, bl-iskuża li ried ikellimha fil-kwiet, ikkonvinċiha biex timxi miegħu lilhinn mill-istabbiliment lejn *area* aktar kwieta fit-taraġ tas-Saqqajja. Kien hawnhekk li l-akkużat **Carmel CUTAJAR** qalilha biex tmur lura d-dar miegħu, iżda Maria Cutajar qaltlu bil-kelma t-tajba li d-deċiżjoni li kienet ħadet kienet finali. Għal din it-tweġiba l-akkużat **Carmel CUTAJAR** reġa staqsiha: *"Jiġifieri m'intix ġejja lura ?!"*, u kif appena Maria Cutajar weġbitu li 'le', l-akkużat **Carmel CUTAJAR**, hekk kif kien ippjana li jagħmel minn qabel, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Maria Cutajar jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ħareġ l-arma, ippuntaha lejn qalbha, u sparalha tir minn distanza ravviċinata ħafna;

ILLI dan it-tir laqat lil Maria Cutajar in-naħa tax-xellug ta' sidirha, u ppenetra l-kaxxa tas-sider viċin ferm ta' qalbha. Fid-dagħdiha tad-demm Maria Cutajar irħietilha tiġri lura lejn l-istabbiliment *'Point de Vue'*. Kien f'dan il-waqt li l-akkużat **Carmel CUTAJAR** spara minn ta' l-anqas żewġ (2) tiri oħra fid-direzzjoni ta' Maria Cutajar waqt li din kienet qed tiġri, liema tiri b'xorti tajba ma laqtuhiex;

ILLI Maria Cutajar irnexxielha tasal lura ġewwa l-istabbiliment *'Point de Vue'*, fejn il-kollegi tax-xogħol tagħha assistewha sakemm waslet l-ambulanza u ħaditha lejn l-Isptar Mater Dei, fejn Maria ġiet iċċertifikata li kienet fil-periklu li titlef ħajjitha. Kien biss grazzi għall-kura ntensiva u ntervent kirurġiku delikat u f'waqtu minn żewġ kirurgi – li fetħu l-kaxxa tas-sider u qalgħu il-*bullet* mill-*pre-pleural space* viċin ħafna tal-qalb – li l-ħajja ta' Maria Cutajar ġiet salvata. Għalhekk, dan id-delitt ta' omiċidju volontarju pjanat u mibdi fl-esekuzzjoni tiegħu mill-akkużat **Carmel CUTAJAR** ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-istess akkużat **Carmel CUTAJAR**;

ILLI ftit wara li spara lil martu Maria Cutajar, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** irħiela lejn l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat fejn qal lill-Pulizija li "kellu argument" mal-mara tiegħu u li f'dan l-argument ġew sparati xi tiri. Fil-fatt huwa għolla l-flokk li kien liebes u wera lill-Pulizija ferita zgħira li huwa kellu lejn in-nofs ta' sidru. Aktar tard l-akkużat **Carmel CUTAJAR** stqarr li wara li kien spara lil martu, huwa spara għalih inifsu. Il-Pulizija għalhekk ħaduh għall-kura ġewwa l-isptar Mater Dei fejn ġie stabbilit li l-ġerħa li kellu kienet waħda ħafifa. Fil-fatt ebda balla ma nstabet ġo din il-ġerħa, li kienet waħda superfiċjali, għal liema riżultanzi l-akkużat **Carmel CUTAJAR** stqarr li t-tir li huwa spara lejh innifsu ma ppenetrax fil-fond, tant li huwa neħħa l-balla b'subgħajh stess.

ILLI bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' <u>**tentattiv ta' omiċidju volontarju**</u>, u ċioe' talli nhar is-Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012), għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara Nofsinhar (13:15 hrs),

fis-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina u f'dawn il-Gżejjer, dolożament bil-ħsieb li joqtol lil martu Maria Cutajar jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, **liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.**

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel CUTAJAR** ħati ta' **tentattiv ta' omiċidju volontarju**, u cioe' talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna (Maria Cutajar) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, **liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.**

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel CUTAJAR** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn tmien (8) snin sa l-għomor**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31(1)(a)(b)(i)(ii), 41(1)(a), 211(1)(2), 141, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, wara li Maria Cutajar temmet ir-relazzjoni li hija kellha ma' l-akkużat **Carmel CUTAJAR** u telqet mid-dar matrimonjali, l-istess **Carmel CUTAJAR** iddeċieda u ppjana li joqtolha.

Għal dan il-għan, nhar is-Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012) l-akkużat **Carmel CUTAJAR** ħa ħsieb jieħu miegħu arma tan-nar (*revolver*) ikkargata bil-munizzjon u rħiela lejn is-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina, fejn Maria Cutajar kienet taħdem ġewwa r-restaurant *'Point de Vue'*. Hemmhek, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara Nofsinhar (13:15 hrs), wara li talab lil Maria biex toħroġ barra mir-*restaurant* 'għax ried ikellimha' u kkonvinċiha biex timxi miegħu lejn *area* aktar kwieta fit-taraġ tas-Saqqajja, l-akkużat **Carmel CUTAJAR**, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Maria Cutajar jew iqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ħareġ l-arma u spara numru ta' tiri fid-direzzjoni ta' Maria Cutajar kif jintqal fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża. Wieħed minn dawn it-tiri laqat lil Maria Cutajar in-naħa tax-xellug ta' sidirha, u ppenetra l-kaxxa tas-sider viċin ferm ta' qalbha. Kien biss grazzi għall-kura ntensiva u ntervent kirurġiku delikat u f'waqtu minn żewġ kirurgi – li fetħu l-kaxxa tas-sider u qalgħu il-*bullet* mill-*pre-pleural space* viċin ħafna tal-qalb – li l-ħajja ta' Maria Cutajar ġiet salvata.

ILLI bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati talli **<u>fil-waqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna</u>** (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' martu Maria Cutajar), **<u>kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti, u dana mingħajr skop leġittimu</u>**.

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel CUTAJAR** ħati talli **<u>fil-waqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti, u dana mingħajr skop leġittimu</u>**.

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel CUTAJAR** u illi huwa jiġi kkundannat għal **piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn ħames (5) snin** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli fl-artikoli 17, 23, 31, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** iddeċieda u ppjana li joqtol lil martu Maria Cutajar u għal dan il-għan, nhar is-Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012) l-akkużat **Carmel CUTAJAR** ħa ħsieb jieħu miegħu arma tan-nar (*revolver*) ikkargata bil-munizzjon u rħiela lejn is-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina, fejn Maria Cutajar kienet taħdem ġewwa r-restaurant *'Point de Vue'*. Hemmhekk, għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara Nofsinhar (13:15 hrs), wara li talab lil Maria biex toħroġ barra mir-*restaurant* 'għax ried ikellimha' u kkonvinċiha biex timxi miegħu lejn *area* aktar kwieta fit-taraġ tas-Saqqajja, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** ħareġ l-arma u spara numru ta' tiri fid-direzzjoni ta' Maria Cutajar kif jintqal fl-Ewwel żewġ (2) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

ILLI bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati talli **<u>kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon, u dan mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel dan.</u>**

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel CUTAJAR** ħati talli **kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon, u dan mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel dan.**

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel CUTAJAR** u illi huwa jiġi kkundannat għal **piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn sitt (6) xhur u mhux iżjed minn sitt (6) snin** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1), 51(2), u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli fl-artikoli 17, 23, 31, 141, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ippremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel tliet (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** iddeċieda u ppjana li joqtol lil martu Maria Cutajar u għal dan il-għan, nhar is-Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012) l-akkużat **Carmel CUTAJAR** ħa ħsieb jieħu miegħu arma tan-nar (*revolver*) ikkargata bil-munizzjon u rħiela lejn is-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina, fejn spara numru ta' tiri fid-direzzjoni ta' Maria Cutajar kif jintqal fl-Ewwel tliet (3) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża;

Illi meta ġie mistoqsi mill-Uffiċjali nvestigaturi minn fejn ġab l-arma tan-nar (*revolver*) u l-munizzjon li spara bihom, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** stqarr li dawn kienu ta' missieru u li kien żammhom bħala rikordju tiegħu. Minn riċerka li saret mal-*Weapons Office* tal-Pulizija, pero', irriżulta li l-akkużat **Carmel CUTAJAR** qatt ma kien ta avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija li huwa kien wiret xi arma tan-nar u/jew munizzjon, jew li kien xort'oħra akkwista jew ġew f'idejh arma tan-nar u/jew munizzjon;

ILLI bħala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkużat **Carmel CUTAJAR** kellu jissorvelja biex reat bħal dan ma jsirx, jew, minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati talli **naqas milli javża lill-Kummissarju tal-Pulizija minufih malli akkwista, jew xort'oħra milli għax ikollu liċenzja, ġew f'idejh xi arma tan-nar u/jew munizzjon**;

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel CUTAJAR** ħati talli **naqas milli javża lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista, jew xort'oħra milli għax ikollu liċenzja, ġew f'idejh xi arma tan-nar u/jew munizzjon**;

B'dana illi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel CUTAJAR** u illi huwa jiġi kkundannat għal **piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn disgħa (9) xhur** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41, 51(8), u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli fl-artikoli 17, 23, 31(f), 141, u 533 tal-Kodici

Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat il-verdett tal-gurija ta' llum stess;

L-Ewwel Kap

Il-ġurati b' 6 voti favur u b' 3 voti kontra isibu lil Carmel Cutajar **ħati** skond l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuża, b'dana illi fil-waqt li kien taħt l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setgħax iqis l-egħmil tiegħu;

It-Tieni Kap

Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Carmel Cutajar **ħati** skond it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

It-Tielet Kap

Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Carmel Cutajar **ħati** skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

Ir-Raba' Kap

Il-ġurati b' tmien (8) voti favur u b' vot (1) kontra isibu lil Carmel Cutajar **ħati** skond ir-Raba' Kap ta' l-Att tal-Akkuża.

Tiddikjara lill imsemmi Carmelo Cutajar hati talli nhar is-Sitta w Għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena Elfejn u Tnax (2012), għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara Nofsinhar (13:15 hrs), fis-Saqqajja, fil-konfini ta' l-Imdina u f'dawn il-Gżejjer:

1. Dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna (Maria Cutajar) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, b'dana illi fil-waqt li kien taħt l-influwenza mmedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setgħax iqis l-egħmil tiegħu;

2. Fil-waqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti, u dana mingħajr skop leġittimu.

3. Kellu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon, u dan mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel dan.

4. Naqas milli javża lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih malli akkwista, jew xort'oħra milli għax ikollu liċenzja, ġew f'idejh xi arma tan-nar u/jew munizzjon;

B'hekk, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku l-akkużat **Carmel CUTAJAR** sar ħati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat il-fedina penali tal-hati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Edward Gatt.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Giannella Busuttil.

Qieset illi ghalkemm l-akkuzat kien ufficjal tal-pulizija fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat u dan il-fattur ser jigi rifless fil-kalibrazzjoni tal-piena li ser tigi erogata fil-konfront tieghu, madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora il-verdett kif mahrug tal-gurati li kien verdett minimu, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali nadifa.

Qieset ukoll illi fir-rigward ta'l-ispejjez peritali inkorsi fil-kors ta' dan il-process penali gew nominati diversi esperti li n-nomina taghhom ma kenitx mehtiega u hawn qed isir referenza ghall-esperti tal-gun shot residue u dak tal-espert Dr. Mario Buttigieg. Inoltre fir-rigward ta'l-esperti nominati sabiex jaghmlu l-analizi ghal-gunshot residue u cioe' l-esperti John Ellul u Christopher Moynehan l-ispiza ezorbitanti in konnessjoni mal-espletazzjoni tal-inkarigu taghhom kienet necessitata

minhabba il-fatt illi ma saritx it-tiswija necessarija tal-apparat li hawn fil-Laboratorju Nazzjonali f'Malta sabiex b'hekk kull darba li ikun hemm bzonn li isir dan it-tip ta' analizi qed ikun hemm il-htiega illi dawn isiru f'laboratorju barra minn Malta u dan bi spejjez ezorbitanti. Certament l-hati ma ghandux iwiegeb ghal dan in-nuqqas minn naha ta'l-Istat.

Rat l-artikoli 17, 23, 31(1)(a)(b), 41(1)(a), 211(1)(2), 227(c), 228(2), 141, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta 5(1), 41, 51(2), 51(8), 55(a) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480.

Tikkundanna lil Carmelo Cutajar ghal perijodu ta' seba' snin u nofs prigunerija, minn liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati ihallas l-ammont ta' sitt elef hames mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (6579.84) bhala spejjez inkorsi f'dan il-process.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

Tordna il-konfiska ta' l-arma tan-nar konsistenti f'revolver u tal-munizzjoni uzati fil-kummissjoni ta' dan ir-reat.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur